

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2183**tal-24 ta' Novembru 2015****li tistabbilixxi format komuni għan-notifikazzjoni tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika***(notifikata bid-dokument C(2015) 8087)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u ta' prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(13) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/40/UE tistipula li l-manifatturi u l-importaturi tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati dwar dawn il-prodotti li biħsiebhom iqiegħdu fis-suq jew li diġà jkunu tpoġġew fis-suq fl-20 ta' Mejju 2016. L-informazzjoni għandha tingħata sitt xhur qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ġodda jew ta' prodotti li jkunu nbidlu b'mod sostanzjali. Għandu jiġi stabbilit il-format ta' dik in-notifika.
 - (2) Filwaqt li jkun qed jitfassal il-format, għandhom jitqiesu l-esperjenza u l-għarfien rilevanti miksuba b'formati eżistenti għar-rappurtar ta' ingredjenti tat-tabakk.
 - (3) Format komuni għan-notifika elektronika tal-informazzjoni dwar is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipproċessaw, iqabblu, janalizzaw u jaslu għal konklużjonijiet mill-informazzjoni li jirċievu. Id-dejta tipprowdi bażi wkoll għall-valutazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa assoċjati ma' dawn il-prodotti
 - (4) Punt tad-dħul elettroniku komuni għall-preżentazzjoni tad-dejta huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-obbligi ta' notifika stipulati fid- Direttiva 2014/40/UE. B'mod partikolari, punt tad-dħul komuni jiffaċilita u jarmonizza l-preżentazzjoni tad-dejta lill-Istati Membri min-naħa tal-manifattur jew tal-importatur. Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' preżentazzjoni jnaqqas ukoll il-piż amministrattiv għall-manifatturi, l-importaturi u r-regolaturi nazzjonali u jiffaċilita t-tqabbil tad-dejta. Biex ikun aktar faċli li jsiru diversi tidhilet, jista' jiġi stabbilit repożitorju fil-livell tad-dħul komuni, li jkun jippermetti r-referenzi għal dokumenti mhux kunfidenzjali.
- Il-punt tad-dħul komuni għandu jipprevedi għodod għat-tidhilit tal-informazzjoni li jkunu tajbin kemm għall-kumpaniji li għandhom diġà sistemi tal-IT komprensivi (għat-tidhilit tal-informazzjoni awtomatika minn sistema għall-oħra) kif ukoll għal daww il-kumpaniji li ma għandhomx sistemi tal-IT ta' dan it-tip, b'mod partikolari l-kumpaniji żgħira u medji. Il-kumpaniji se jingħataw numru ta' identifikazzjoni tal-preżentatur li għandu jintuża mill-istess kumpanija kull darba li ddaħħal l-informazzjoni.
- (5) L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jpoġġu l-għodod għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għad-disponibbiltà ta' min jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 20(7) tad-Direttiva 2014/40/UE. L-għodod jistgħu wkoll jiffaċilitaw il-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra dwar is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika skont l-Artikolu 20. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiġu mħeġġa li jżommu d-dejta li jipprovdut lill-Istati Membri aġġornata. Biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-manifatturi u lill-importaturi li jippreżentaw l-aġġornamenti fl-ewwel sitt xhur tas-sena kalendarja li jmiss. Meta d-dejta dwar il-bejgħ tiġi rrapportata skont dan il-format, għandha tkun marbuta mas-sena kalendarja.
 - (6) Meta jergħu jibagħtu d-dejta, anki l-korrezzjoni ta' żbalji fsottomissjoni li tkun saret qabel, l-informazzjoni għandha tingħata permezz tal-punt tad-dħul komuni.
 - (7) Biex tkun żgurata l-kwalità u l-komparabbiltà tad-dejta mibgħuta, l-Istati Membri għandhom, fejn japplika, jinkoraġġixxu lill-manifatturi u lill-importaturi jużaw l-istandards miftiehma jew metodi ta' testjar. Meta ma jkunx jeżisti ftehim dwar standards internazzjonali jew tal-Unjoni, jew metodi tal-itestjar, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiddeskrivu b'mod ċar fin-notifiki tagħhom il-metodi tal-kejl li ntużaw u għandhom jiżguraw li dawn ikunu riproduċibbli.

⁽¹⁾ ĠUL 127, 29.4.2014, p. 1.

- (8) Biex il-piż amministrattiv jiġi limitat u biex tkun żgurata l-komparabbiltà bejn id-dejta rrappurtata, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-manifatturi u lill-importaturi biex jaġhżlu oġġetti kompatibbli meta jkunu qegħdin jittestjaw il-komponenti tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika li jitqiegħdu fis-suq bħala oġġetti separati.
- (9) Filwaqt li hija r-responsabbiltà sħiħa tal-Istati Membri li jiġbru, jivverifikaw, janalizzaw skont kif rilevanti, u li jaħżnu u jxandru d-dejta li tkun inġabret skont din id-Deċiżjoni, dawn għandu jkollhom il-possibbiltà li jaħżnu d-dejta mibgħuta lilhom f-faċilitajiet tal-Kummissjoni. Is-servizz li toffri l-Kummissjoni għandu joffri l-għodod tekniċi lill-Istati Membri, li jiffaċilitawhom il-konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/40/UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tiżviluppa standard ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz. Il-Kummissjoni għandha żżomm kopja off-line tad-dejta li tiġi ppreżentata permezz tal-punt tad-dħul komuni għall-fini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE.
- (10) Meta jippreżentaw l-informazzjoni dwar prodotti li jkollhom l-istess kompożizzjoni u tfassil, il-manifatturi u l-importaturi għandhom, sa fejn ikun possibbli, jużaw l-istess numru ta' identifikazzjoni tal-prodott, irrispettivament mid-ditta u s-sottotip, jew milli dawn jitqiegħdux fis-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed.
- (11) Biex tiġi żgurata l-akbar trasparenza possibbli tal-informazzjoni dwar il-prodotti għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu kif xieraq is-sigriet kummerċjali, jixraq li jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-ġestjoni mill-Kummissjoni tad-dejta kunfidenzjali. L-aspettattivi leġittimi tal-konsumaturi li jkollhom l-aċċess għall-informazzjoni tajba dwar il-kontenut tal-prodotti li jkollhom il-ħsieb li jikkunsmaw għandhom jitqiesu kontra l-interessi tal-manifatturi li jipproteġu r-riċetti tal-prodotti tagħhom. Wara li jitqiesu dawn l-interessi konfliġġenti, id-dejta li tista' tiżvela l-ingredjenti li jintużaw fi kwantitajiet żgħar fi prodotti speċifiċi għandha, fil-prinċipju, tinżamm kunfidenzjali.
- (12) Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-regoli u s-salvagwardji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/40/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi format komuni għan-notifikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika.

Artikolu 2

Il-format tan-notifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi u l-importaturi tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2014/40/UE, inklużi l-modifiki u l-irtirar mis-suq, skont il-format stipulat fl-Anness.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi u l-importaturi tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-punt tad-dħul komuni għall-preżentazzjoni tad-dejta.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1)

*Artikolu 3***Il-ħżin tad-dejta**

L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jużaw is-servizzi tal-ħżin tad-dejta li toffri l-Kummissjoni biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2014/40/UE sakemm dawn ikunu ffirmaw ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-Kummissjoni.

*Artikolu 4***In-numru tal-identifikazzjoni tal-preżentatur tad-dejta**

Qabel ma jippreżenta l-informazzjoni lill-Istati Membri għall-ewwel darba skont din id-Deċiżjoni, il-manifattur jew l-importatur għandu japplika għal numru tal-identifikazzjoni (ID tal-Preżentatur) ġġenerat mill-operatur tal-punt tad-dħul komuni. Il-manifattur jew l-importatur għandu, jekk jintalab, jippreżenta dokument li jipprovdi l-identifikazzjoni tal-kumpanija u awtentikazzjoni tal-attivitajiet tagħha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn tkun stabbilita l-kumpanija. L-ID tal-Preżentatur għandu jintuża għal kull preżentazzjoni sussegwenti u f'kull korrispondenza sussegwenti.

*Artikolu 5***In-numru tal-identifikazzjoni tal-prodott**

1. Ibbażat fuq l-ID tal-Preżentatur imsemmi fl-Artikolu 4, il-manifattur jew l-importatur għandu jassenja ID tas-Sigaret Elettroniku (ID SE) lil kull prodott li jrid jiġi nnotifikat.
2. Meta jippreżentaw l-informazzjoni dwar prodotti bl-istess kompożizzjoni u tifsil, il-manifatturi u l-importaturi għandhom, kemm jista' jkun, jużaw l-istess ID SE, b'mod partikolari meta d-data titressaq minn diversi membri ta' grupp ta' kumpaniji. Dan għandu jgħodd irrispettivament mid-ditta, mis-sottotip u mill-għadd ta' swieq li jitqiegħdu fihom.
3. Meta l-manifattur jew l-importatur ma jkunx jista' jiżgura li qed jintuża l-istess ID SE għall-prodotti tal-istess kompożizzjoni u tifsila, għandu, fejn hu possibbli, tal-inqas jipprovdi, l-ID SE diversi li jkunu assenjati lil dawn il-prodotti.

*Artikolu 6***Id-dejta kunfidenzjali u l-iżvelar tad-dejta**

1. Fil-preżentazzjoni li jagħmlu, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jimmarkaw l-informazzjoni kollha li huma jqisu bħala sigriet kummerċjali jew li jqisu li tkun kunfidenzjali, u jekk jintalbu jridu jiġġustifikaw din id-dikjarazzjoni tagħhom.
2. Meta tuża d-dejta trażmessa biex tapplika d-Direttiva 2014/40/UE u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, il-Kummissjoni fuq prinċipju ma għanhiex tqis li l-informazzjoni li ġejja hija kunfidenzjali jew li hija sigriet kummerċjali:
 - (a) l-ingredjenti li jintużaw fi kwantitajiet oġhla minn 0,1 % tal-formulazzjoni finali tal-likwidu;
 - (b) l-istudji u d-dejta ppreżentati skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2014/40/UE, b'mod partikolari dwar it-tossiċità u l-effett ta' dipendenza. Meta daww l-istudji jkunu marbutin ma' ditti speċifiċi, ir-referenzi espliċiti u impliċiti għad-ditta għandhom jitnehew u għandha tiddaħħal verżjoni editjata għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

*Artikolu 7***Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

1. DESKRIZZJONIJIET TAT-TAQSIMIET

Huma obbligatorji t-taqsimiet kollha mmarkati (M) fil-format komuni.

It-taqsimiet filtri (F) obbligatorji dipendenti jsiru obbligatorji jekk tintagħzel risposta speċifika frispota preċedenti varjabbli.

It-taqsimiet (AUTO) ġġenerati mis-sistema huma ġġenerati awtomatikament mis-sistema tas-software.

Fit-taqsimiet fejn ir-risposta tintagħażel minn fuq lista, it-tabelli ta' referenza korrispondenti se jingħataw, jinżammu, u jiġu ppubblikati f'sit web tal-Kummissjoni.

2. KARATTERISTIKI TAL-PREŻENTATUR

Il-preżentatur ikun jew il-manifattur jew l-importatur li jkun responsabbli tad-dejta ppreżentata.

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	ID_Preżentatur	L-ID tal-Preżentatur hija numru ta' identifikazzjoni li jingħata skont l-Artikolu 4	M	
	Isem_Preżentatur	L-isem uffiċjali tal-preżentatur fil-livell tal-Istati Membri, marbut man-numru tal-VAT	M	
	SME_Preżentatur	Indikazzjoni li l-preżentatur jew, jekk ikun hemm, il-kumpanija ġenitur tiegħu, ikun SME kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ⁽¹⁾	M	
	VAT_Preżentatur	In-numru tal-VAT tal-preżentatur	M	
	Tip_Preżentatur	Indikazzjoni dwar huwiex manifattur jew importatur il-preżentatur	M	
	Indirizz_Preżentatur	L-indirizz tal-preżentatur	M	
	Pajjiż_Preżentatur	Il-pajjiż fejn hu stabbilit il-preżentatur	M	
	Telefown_Preżentatur	In-numru tat-telefown tal-kumpanija tal-preżentatur	M	
	E-Mail_Preżentatur	L-indirizz tal-e-Mail funzjonali tal-kumpanija tal-preżentatur	M	
	Il-Preżentatur_Għandu_Kumpanija_Ġenitur	Immarka l-kaxxa jekk il-preżentatur huwa fergħa ta' kumpanija prinċipali	M	
	Preżentatur_Għandu_Kumpanija_Affiljata	Immarka l-kaxxa jekk il-preżentatur għandu kumpanija affiljata	M	
	Preżentatur_Jaħtar_Rappreżentant	Immarka l-kaxxa jekk il-preżentatur ħatar terza parti biex tippreżenta d-dejta f'ismu ("rappreżentant")	M	

⁽¹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

2.1. Il-karatteristiki tal-kumpanija Ġenitur tal-Manifattur/Importatur

Għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja dwar il-kumpanija ġenitur: In-numru tal-ID tal-Preżentatur, jekk għandu, l-isem uffiċjali, il-pajjiż, in-numru u l-indirizz tal-e-Mail funzjonali tan-nejozju.

2.2. Il-karatteristiki tal-kumpanija affiljata tal-Manifattur/Importatur

Għal kull kumpanija affiljata għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja: In-numru tal-ID tal-Preżentatur, jekk għandu, l-isem uffiċjali, il-pajjiż, in-numru u l-indirizz tal-e-Mail funzjonali tan-nejozju.

2.3. Ir-rappreżentant li jirrapporta f'isem il-preżentatur

Għar-rappreżentant għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja: In-numru tal-ID tal-Preżentatur, jekk għandu, l-isem uffiċjali, il-pajjiż, in-numru u l-indirizz tal-e-Mail funzjonali tan-nejozju.

3. IL-PREŻENTAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRODOTT U DESKRIZZJONI TIEGĦU — PARTI A

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Tip_Preżentazzjoni	It-tip tal-preżentazzjoni tal-prodott	M	
	Data_Bidu_Preżentazzjoni	Id-data tal-preżentazzjoni tiddaħħal awtomatikament mis-sistema meta l-utent jippreżenta l-informazzjoni dwar il-prodott	AWTO	
	ID_Prodott (ID-SE)	L-ID-SE huwa n-numru ta' identifikazzjoni tal-prodott li jintuża fis-sistema fil-format "ID tal-preżentatur-sena-numru tal-prodott" (NNNNN-NN-NNNNN), meta "l-ID tal-preżentatur" huwa n-numru ta' identifikazzjoni tal-preżentatur (ara fuq) "is-sena" hija s-sena li fiha ġiet ippreżentata d-dejta dwar il-prodott għall-ewwel darba (2 figuri) "in-numru tal-prodott" huwa n-numru li l-preżentatur ikun ta lill-prodott meta jkun qed idaħħal id-dejta għall-ewwel darba	M	
	Jeżisti_ID_Prodott_Ieħor	Indikazzjoni dwar jekk il-preżentatur jafx bi prodotti oħrajn bl-istess tfassil u kompożizzjoni li huma kkummerċjalizzati fl-UE b'ID-SE differenti	M	
	ID_Prodott_Ieħor	Lista tal-ID-SE tal-prodott(i) bl-istess tifsila u kompożizzjoni. Jekk il-preżentatur ma jkunx jaf l-ID-SE tal-prodott(i), għandhom jiddaħħlu għallinqas l-isem/ismijiet kummerċjali u l-isem/ismijiet tas-sottotip sħaħ u l-Istat(i) Membru/i li qiegħed fis-suq tiegħu/tagħhom il-prodott(i)	F	
	Jeżisti_Prodott_Bl-istess_Kompożizzjoni	Indikazzjoni ta' jekk il-preżentatur jaf bi prodotti oħrajn bl-istess kompożizzjoni ta' likwidu elettroniku, iżda ta' tifsila differenti	M	

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Prodott_Ieħor_Bl-istess_Kompożizzjoni	Lista tal-ID-SE tal-prodott(i) bl-istess kompożizzjoni ta' likwidu elettroniku iżda b'tifsila differenti. Jekk il-preżentatur ma jkunx jaf l-ID-SE tal-prodott(i), għandhom jiddaħħlu għallinqas l-isem/ismijiet kummerċjali u l-isem/ismijiet tas-sottotip u l-Istat(i) Membru/i li qiegħed fis-suq tiegħu/tagħhom il-prodott(i)	F	
	Tip_Prodott	Tip tal-prodott ikkonċernat	M	
	Likwidu_E_Piż_Prodott	Il-piż totali tal-likwidu-e funità waħda tal-prodott fmg.	F	
	Likwidu_E_Volum_Prodott	Il-piż totali tal-likwidu-e funità waħda tal-prodott fml.	F	
	Identifikazzjoni_Manifattur_Prodott	Jekk il-preżentatur ma jkunx il-manifattur, l-isem/ismijiet uffiċjali tal-kumpanija tal-manifattur(i) tal-prodott u d-dettalji ta' kuntatt tagħha/tagħhom ⁽¹⁾	F	
	Indirizz_Post_Produzzjoni_Prodott	Għal kull manifattur, l-indirizz(i) tal-post (ijiet) fejn issir il-produzzjoni kollha	M	
	Klassifikazzjoni_CLP_Prodott	Il-klassifikazzjoni ġenerali tal-prodott (inklużi l-elementi tat-tikkettar) bħala taħlita ta' sustanzi bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u kif deskritta fil-“Gwida dwar l-Applikazzjoni tal-Kriterji tas-CLP” ⁽³⁾	F	

⁽¹⁾ Għal kull manifattur għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja: In-numru tal-ID jekk jeżisti, l-isem uffiċjali, il-pajjiż, in-numru u l-indirizz tal-e-Mail funzjonali tan-negozju.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbalgħ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

⁽³⁾ http://echa.europa.eu/documents/10162/13562/clp_en.pdf

3. IL-PREŻENTAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRODOTT U D-DESKRIZZJONI TIEGĦU — PARTI B

Meta l-prodotti jinbiegħu taħt formati differenti, jew meta l-istess prodott jinbiegħ fi Stati Membri differenti, għandhom jiddaħħlu l-varjabbli li ġejjin għal kull format u għal kull Stat Membru.

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Isem_Ditta_Prodott	L-isem kummerċjali li bih jiġi kkummerċjalizzat il-prodott fl-Istat Membru li qed tingħatalu l-informazzjoni.	M	

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Isem_Kummerċjali_Sottotip_Prodott	“L-isem tas-sottotip” tal-prodott (jekk jeżisti) kif inhu kummerċjalizzat fl-Istat Membru li qed tingħatalu l-informazzjoni dwar il-prodott.	M	
	Data_Ħruġ_Prodott	Id-data li fiha l-preżentatur biħsiebu joħroġ jew diġà ħareġ il-prodott fis-suq	M	
	Indikazzjoni_Rtirar_Prodott	Indikazzjoni li l-preżentatur biħsiebu jirtira jew diġà rtira l-prodott mis-suq	M	
	Data_Rtirar_Prodott	Id-data li fiha l-preżentatur biħsiebu jirtira jew diġà rtira l-prodott mis-suq	F	
	Numru_Preżentatur_Prodott	In-numru tal-ID li jintuża internament mill-preżentatur	M	Mill-inqas wieħed minn dawk in-numri għandu jintuża b'mod konsistenti għall-preżentazzjonijiet tal-istess preżentatur.
	Numru_UPC_Prodott	UPC-12 (Universal Product Code) in-numru tal-kodiċi tal-prodotti speċifiku tal-prodott		
	Numru_EAN_Prodott	EAN_13 jew EAN-8, (European Article Number) tal-prodott		
	Numru_GTIN_Prodott	GTIN (Global Trade Identification Number) in-numru tal-identifikazzjoni kummerċjali dinji tal-prodott		
	Numru_SKU_Prodott	SKU (Stock Keeping Unit) in-numru(i) tal-istokkjar ta' unità/unitajiet tal-prodott		
	Suq_Nazzjonali_Prodott	L-Istat Membru li lilu qed tingħata l-informazzjoni dwar il-prodott	M	
	Unitajiet_Imballaġġ_Prodott	L-għadd ta' unitajiet individwali tal-prodott fl-imballaġġ tal-unitajiet	M	

4. DESKRIZZJONI TAL-INGREDJENTI LI FIH IL-PRODOTT

Għal kull ingredjent li jintuża f'dan il-prodott, għandhom jimtlew il-varjabbli fit-taqsimha ta' wara ⁽¹⁾. Fil-każ ta' prodotti li jkun fihom aktar minn oġġett wieħed li jkun fihom l-ingredjenti, għandhom jimtlew il-varjabbli li ġejjin għal kull wieħed minn dawn l-oġġetti.

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Isem_Ingredjent	L-isem kimiku tal-ingredjent	M	
	CAS_Ingredjent	In-numru tal-CAS (Chemical Abstracts Service) tal-ingredjent	M	
	CAS_Ingredjent_Addizzjonali	Fejn japplika, numri tal-CAS addizzjonali.	F	

⁽¹⁾ F'din it-taqsimha M u F japplikaw biss fejn japplika, għal tipi ta' prodotti.

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqs li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Numru_FEMA_Ingredjent	Jekk jeżisti, in-numru tal-FEMA (Flavour and Extract Manufacturers Association) tal-ingredjent	F	
	Numru_Ingredjent_Addittiv	Jekk l-ingredjent ikun addittiv tal-ikel, in-numru tal-addittiv tal-ikel tiegħu "Numru E" stabbilit fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾	Jekk ma jeżistix CAS, għandu jiddaħħal mill-inqas wieħed minn dawn in-numri msemmijin. Jekk jiddaħħal iżjed minn numru wieħed, dawn in-numri jridu jiddaħħlu fl-ordni ta' importanza li ġeja FEMA>Addittiv>FL>KE	
	Numru_FL_Ingredjent	In-numru FL (In-numru Ewropew tal-Aromatizzant — European Flavouring — kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾)		
	Numru_KE_Ingredjent	In-numru tal-Komunità Ewropea (KE) ⁽³⁾ , jekk jeżisti		
	Funzjoni_Ingredjent	Il-funzjoni(jiet) tal-ingredjent	M	
	Funzjoni_Ingredjent_Oħra	Il-funzjoni tal-ingredjent jekk tkun "oħra"	F	
	Kwantità_Ingredjent_Riċetta	Il-piż tal-ingredjent f'mg skont ir-riċetta, li jinsab f'unità waħda tal-prodott.	M	
	Status_Mhux Vaporizzat_Ingredjent	Indikazzjoni dwar jekk l-ingredjent fi stat mhux vaporizzat għandux tossiċità magħrufa jew għandux proprjetajiet b'effetti karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni	M	
	Reġistrazzjoni_REACH_Ingredjent	Jekk jeżisti, in-numru tar-reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ .	M	
	Hemmx_Klassifikazzjoni_CLP_Ingredjent	Indikazzjoni dwar jekk l-ingredjent ġiex ikklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ u huwiex fl-Inventarju tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar	M	
	Klassifikazzjoni_CLP_Ingredjent	Il-klassifikazzjoni tal-ingredjent skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008	F	
	Dejta_Tossikoloġika_Ingredjent	Id-disponibbiltà ta' dejta tossikoloġika dwar sustanza, kemm meta tkun waħedha kif ukoll meta tkun f'taħlita. F'kull każ, speċifika jekk id-dejta tossikoloġika hijiex dwar is-sustanza fil-forma tagħha sħuna jew mhux sħuna.	M	
	Emissjonijiet_Tossikoloġiċi_Ingredjent	L-eżistenza ta' studji li jindikaw il-kimika u/3jew it-tossiċità tal-emissjonijiet.	F/M	

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Tossiċità_CMRIngredjent	L-eżistenza ta' studji dwar il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità jew it-tossiċità għar-riproduzzjoni, tal-ingredjent.	F/M	
	Tossikoloġija_Kardjopulmonari_Ingredjent	L-eżistenza ta' assaġġi <i>in vitro</i> u <i>in vivo</i> li jevalwaw l-effetti tossikoloġiċi tal-ingredjent fuq il-qalb, fuq il-vażijiet jew fis-sistema respiratorja.	F/M	
	Tossikoloġija_Dipendenza_Ingredjent	L-eżistenza ta' analiżi tal-possibbiltà li l-proprjetajiet tal-ingredjent joħlqu dipendenza	F/M	
	Tossikoloġija_Oħra_Ingredjent	L-eżistenza ta' kull dejta oħra dwar it-tossikoloġija tal-ingredjent li ma ġietx iddikjarata hawn fuq.	F/M	
	Fajl_Tossiċità/Dipendenza_Ingredjent	Daħħal l-istudji disponibbli indikati fis-sitt attributi preċedenti (Dejta Tossikoloġika Ingredjent, Emissjonijiet, CMR, Kardjopulmonari, Dipendenza, Oħra)	F/M	

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).
- (3) Kif maħluq bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea 81/437/KEE, tal-11 ta' Mejju 1981 li tistabbilixxi l-kriterji li skont dawn l-informazzjoni dwar l-inventarju ta' sustanzi kimiċi tingħata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, (ĠU L 167, 24.6.1981, p. 31).
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbalgġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

5. EMISSIONIJET

Fejn tkejlu ħafna emissjonijiet, iridu jimtlew il-varjabbli fit-taqsimiet li ġejjin b'mod individwali għal kull emissjoni. Fil-każ ta' prodotti li jkun fihom aktar minn oġġett wieħed jew aktar minn kombinazzjoni waħda ta' sigarett-e jew kontenitur tar-rikarika, għandhom jimtlew il-varjabbli li ġejjin għal kull wieħed minn dawn l-oġġetti jew kombinazzjonijiet.

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	ID_KE_Prodott_Test_Emissjonijiet	Jekk il-prodott jeħtieġ prodott(i) addizzjonali biex jintuża, għandha tingħata l-ID_KE tal-prodott(i) addizzjonali li ntużaw għat-testijiet. Jekk il-preżentatur ma jkunx jaf l-ID_SE tal-prodott(i) addizzjonali, għandhom jiddaħħlu għallinqas l-isem/ismijiet kummerċjali u l-isem/ismijiet tas-sottotip u l-Istat(i) Membru/i li qiegħed fis-suq tiegħu/tagħhom il-prodott	F	

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Emissjoni_Prodott_Ikkumbinat	Jekk il-prodott ikun fih aktar minn oġġett wieħed jew aktar minn kombinazzjoni waħda ta' sigarett-e jew ta' kontenitur tarrikarika, għandha tingħata l-ispeċifikazzjoni tal-oġġett jew tal-kombinazzjoni li jintuża/tintuża biex titkejjel l-emissjoni	F	
	Fajl_Metodi_Emissjonijiet	Deskrizzjoni tal-metodi tal-kejl li ntużaw fil-valutazzjoni tal-emissjonijiet, inkluża referenza għall-istandard approvat rilevanti, fejn possibbli	M	
	Isem_Emissjoni	Isem l-emissjoni li ħarġet waqt l-ittestjar tal-prodott	M	
	CAS_Emissjonijiet	In-numri tal-CAS (Chemical Abstracts Service) tal-emissjonijiet	F	
	IUPAC_Emissjonijiet	L-isem tal-IUPAC (l-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata) tal-emissjonijiet jekk ma jeżistix numru tal-CAS	F	
	Kwantità_Emissjonijiet	Il-kwantità tal-emissjonijiet li joħorġu waqt l-użu tal-prodott, abbażi tal-metodu tal-kejl li ntuża.	M	
	Unitàjiet_Emissjonijiet	L-unità tal-kejl li biha tkejjel l-emissjoni	F	

6. TIFSILA TAL-PRODOTT

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar ta' sigaretti elettroniċi	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali	Rappurtar ta' kontenituri tar-rikarika	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Deskrizzjoni_Sigarett-E	Deskrizzjoni tal-prodott biex li tiffaċilita l-identifikazzjoni unika tal-prodott, għandha tinkludi deskrizzjoni ta' kull oġġett u tal-partijiet individwali kollha (komponenti/likwidu-e)	M		M	
	Volum/Kapaċità_Likwidu_Sigarett-E	Il-volum/il-kapaċità f'ml (għall-apparati agħti d-daqs tat-tank, għall-istoċċijiet/l-istoċċijiet atomizzati jew għall-kontenituri tar-rikarika agħti l-volum reali meta jitqiegħdu fis-suq)	M		M	
	Konċentrazzjoni_Nikotina_Sigarett-E	Il-konċentrazzjoni tan-nikotina f'mg/ml	F		M	
	Tip_Batterija_Sigarett-E	Deskrizzjoni tat-tip ta' batterija	F		N/A	
	Kapaċità_Tip_Batterija_Sigarett-E	Indikazzjoni tal-kapaċità tal-batterija f'mAh	F		N/A	
	Sigarett-E_Volt/Watt_Aġġustabbli	Indikazzjoni dwar jekk jistax jiġi aġġustat il-voltaġġ/il-wattage tas-sigarett-e	M		N/A	
	Voltaġġ_Sigarett-E	Il-voltaġġ nominali tas-sigarett-e jekk dan ma jkunx aġġustabbli, u l-voltaġġ rakkomandat jekk ikun aġġustabbli.	F		N/A	
	L-inqas_Medda_Voltaġġ_Sigarett-E	L-inqas voltaġġ possibbli	F		N/A	
	L-ogħla_Medda_Voltaġġ_Sigarett-E	L-ogħla voltaġġ possibbli.	F		N/A	
	Wattage_Sigarett-E	Il-wattage nominali tas-sigarett-e jekk dan ma jkunx aġġustabbli, u l-wattage rakkomandat jekk ikun aġġustabbli.	F		N/A	
	L-inqas_Medda_Wattage_Sigarett-E	L-inqas wattage possibbli	F		N/A	
	L-ogħla_Medda_Wattage_Sigarett-E	L-ogħla wattage possibbli	F		N/A	
	Sigarett-E_Fluss tal-Arja_Aġġustabbli	Indikazzjoni dwar jekk il-fluss tal-arja minn ġos-sigarett-e huwiex aġġustabbli	M		N/A	
	Sigarett-E_Ftila_Tinbidel	Indikazzjoni dwar jekk il-konsumatur ikunx jista' jaġġusta/jimmodifika/jibdel il-ftila	M		N/A	

Attribut #	Attribut	Deskrizzjoni	Rappurtar ta' sigaretti elettroniċi	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali	Rappurtar ta' kontenituri tar-rikarika	Il-preżentatur iqis li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali
	Sigarett-E_Mikroprocessur	Indikazzjoni dwar jekk is-sigarett-e fihx mikroprocessur	M		N/A	
	Kompożizzjoni_Kojl_Sigarett-E	Il-kompożizzjoni kimika tal-wajer (kojl) fl-atomizzatur	M		N/A	
	Fajl_Dożaġġ/Inġestjoni_Nikotina_Sigarett-E	Deskrizzjoni tal-metodi tal-kejl li ntużaw fil-valutazzjoni li d-dożaġġ u l-inġestjoni tan-nikotina jkunu konsistenti, inkluża referenza għall-istandard approvat rilevanti, fejn possibbli. Deskrizzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni	M		M	
	Fajl_Produzzjoni_Sigarett-E	Deskrizzjoni tal-proċess finali tal-produzzjoni, inkluża l-produzzjoni tas-sensiela	M		M	
	Konformità_Produzzjoni_Sigarett-E	Dikjarazzjoni li l-proċess tal-produzzjoni jiżgura l-konformità (għandha tinkludi l-informazzjoni dwar il-produzzjoni ta' sensiela fost affarijiet oħra).	M		M	
	Kwalità_Sikurezza_Sigarett-E	Dikjarazzjoni li l-manifattur u l-importatur jieħdu r-responsabbiltà kollha għall-kwalità u għas-sikurezza tal-prodott meta dan jitqiegħed fis-suq u jintuża f'kundizzjonijiet normali jew f'kundizzjonijiet li wieħed jista', b'mod raġonevoli, jipprevedihom.	M		M	
	Fajl_Fetħa/Rikariku_Sigarett-E	Deskrizzjoni tal-fetħa u tal-apparat ta' rikarika, fejn japplika.	F		M	